1874 1974

# Societa' Filarmonica Nazionale "La Valette"

## ĊELEBRAZZJONI TA' L-EWWEL ĊENTINARJU

**Il-Hamis 17 ta' Ottubru, fis-7.00 p.m.**

**Kunċert Esegwit mill-Filarmonika Nazzjonali**

# " LA VALETTE "

**fit-TEATRU MANOEL, Valletta**

———o———

L-istess Filarmonika li fl-1912 fl-ALGIER,
u li fl-1927 f'COMO,
f'Kompetizzjoni Internazzjonali KISBET
l-Unur ta' l-"EĊĊELLENZA"

———o———

taħt id-Direzzjoni tal-

**Kavalier Joseph Sammut O.S.J.**

**Leader — E. Consiglio**

504

**OMAGGIO**

**alla Filarmonica Nazionale "La Valette"** — Clo Pace

Din il-Kompożizzjoni nkitbet apposta għall-okkażjoni tal-egħluq il-mitt sena tal-Banda La Valette li għaliha hi wkoll iddedikata. Il-mużika tiddeskrivi l-Ferħ, id-Dinjità u t-Trijonfi li din il-Banda għaddiet minnhom f'dawn il-mitt sena ta' eżistenza tagħha. Għalhekk tibda bi ftuħ majestuż, u tagħlaq b'tema trijonfali. Is-surmast Carmelo Pace li 80 sena ilu kellu żewġ zijiet tiegħu idoqqu mal-Banda La Valette, għaraf jinseġ din il-mużika bi spirtu partiġjan.

**FANTASIJA** — **ISABEAU** — Mascagni

**Opra fi Tliet Atti, mużika ta' Mascagni fuq librett ta' Illica,**

**'Isabeau 'hija bbażata fuq il-leġġenda ta' Lady Godiva.**

Pietro Mascagni twieled f'Livorno, l-Italja, fl-1863. Studja fil-Conservatorio Luigi Cherubini, u aktar fil-Conservatorio ta' Milan. Għal diversi snin kien Direttur ta' kumpanija operistika li tivvjaġġa minn pajjiż għall-ieħor. Fl-1890 bħal feġġ minn ġod-dlam meta ħadem l-Opra tiegħu b'att uniku "Cavalleria Rusticana". Mill-1895 sal-1902 kien Direttur tal-Conservatorio Rossini ġo Pesaro. Fl-1902 żar l-Istati Uniti ta' l-Amerika jidderieġi l-Opri tiegħu stess; u fl-1911 bl-istess mod żar l-Amerika t'Isfel. Ġie magħżul Membru tal-Accademia Italiana fl-1929. Mascagni kkompona diversi Opri sbieħ bħalma L'Amico Fritz, Isabeau u Iris; għalkemm qatt ma rnexxielu jirrepeti t-trijonf ta' l-ewwel opra tiegħu "Cavalleria Rusticana". Sal-lum din baqgħet l-aktar opra li żżommlu u ssaħħaħlu l-fama tiegħu fid-dinja ta' l-Opra.

**FANTASIA** — **MONNA BIANCA** — **S. Camilleri**

Is-Surmast Giuseppe Camilleri twieled fl-1903. Huwa l-awtur ta 'l-opra "Monna Bianca" li kkompona fl-1936 fuq librett ta' Dr. G. Zammit LL.D. Iddebutta bħala Direttur ta' l-Orkestra fit-Teatru Rjal bl-opra "Mose" ta' Rossini fl-istaġun liriku 1935-1936.

Mill-1937 sal-1968 kien Direttur tal-Filarmonika LA VALETTE, u matul dawn il-31 kiteb bosta kompożizzjonijiet għal din il-Banda Il-fantasia mill-opra 'Monna Bianca' (li hi traskritta u strumentata mill-kompożitur stess) ġiet esegwita għall-ewwel darba mill-Filarmonika Nazzjonali "LA VALETTE" fl-1951.

**INTERVALL**

**SETTINA SINFONIA — In 'A' mag. Op. 92** — **Beethoven**

**Poco Sostenuto; Vivace; Allegretto; Presto; Allegro con brio.**

Is-Settima Sinfonia, in 'A' mag. Op. 92 ġiet miktuba fl-1811-12, u ġiet ppreżentata għall-ewwel darba fit-8 ta' Diċembru, 1813. Ħafna programmi kienu jissemmew magħha, iżda m'hemm l-ebda dubju li Beethoven ma kellu f'moħħu xejn ħlief din il-kompożizzjoni. Kien qed jikteb mużika "assoluta" b'karattru ta' rapsodija, l-intenzjoni tagħha esklussivament mużikali. L-introduzzjoni fl-ewwel taqsima tmexxi għal 'vivace' ħerqan. Fit-tieni taqsima 'allegretto' Beethoven jagħtina żewġ għanjiet ewlenin, li aktar tard jużahom bil-'kuntrapunt'. It-tielet taqsima 'presto' hija kif xebbagħha wieħed kittieb, waħda mill-aktar wirjiet ferrieħa tal-ħila ta' Beethoven biex juri l-hena bla rażan. Il-'finale' hija żifna sfrinata mitluqa u selvaġġa, ħaġa li aktarx ġegħlet lil Wagner li jsejjaħ 'l din is-Sinfonia bħal li trid tqaddes iż-żifna'.

INNU "LA VALETTE" — INNU MALTI